**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Seduta Dwana**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL. D., Mag.Jur. (Int.Law)**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Anthony Bartolo, detentur tal-karta tal-identità Maltija 108582(M)**

**u**

**Joseph Bartolo detentur tal-karta tal-identità Maltija 72283(M)**

*Kumpilazzjoni Nru.549/2021*

Illum, 17 ta' Ġunju, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Paul Anthony Pisani u ċioe` talli:

F' dawn il-Gżejjer,

Fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana:

1. Fis-07 ta' Ottubru 2020, wara tfittxija li saret minn Uffiċjali tad-Dwana ġewwa tlett postijiet differenti ġewwa Ħal-Qormi, bl-assistenza tal-Pulizija, instabu li bil-kompliċità u koperazzjoni ta' xulxin xjentement kellhom fil-

pussess tagħhom u/jew depożitati ta' sigaretti bla dazju, għandhom u/jew kif ukoll kellhom b'xi mod x'jaqsmu fil-ġarr, twarrib jew ħabi ta sigaretti bla dazju fi kwantità kif deskritt hawn taħt, u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern ta' Malta minn dazju u taxxa li jkun imiss jitħallas fuqhom, jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti. Fi kwantità ta' kif inhu deskritt hawn taħt u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn Dazju u t-Taxxa li jkun imiss jitħallas fuqhom jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti

- Sebgħa (7) pakketti b' għoxrin (20) sigarett sfuż f'kull pakkett tal-marka *Business Royals*. Liema sigaretti nstabu ġewwa l-fond *Young's Bar*, 280 Triq il-Vittorja, Qormi;

- Wieħed u Għoxrin (21) kaxxa b'ħamsin (50) sigarett sfuż f'kull kaxxa, b'mitejn f'kull kartuna. Instabu wkoll, tmienja w erbgħin (48) kartuna b'mitejn (200) sigarett f'kull kartuna. Il-Marka ta' dawn is-sigaretti huma *Business Royals*. Liema sigaretti nstabu ġewwa l-kumpless tal-garaxxijiet numru 107, propju f'garaxx numru 6, fi triq Santa Katerina, Qormi.

- Tlett (3) kartuniet b'mitejn (200) sigarett sfuż f'kull kartuna tal-marka *Business Royals* kif ukoll fil-kwantità ta erbgħa mija u ħamsin (450) borża b'għoxrin sigarett f'kull borża. Il-marka ta' dawn is-sigaretti huma *Traditional.* Liema sigaretti nstabu ġewwa karma fil-kumpless tal-garaxxijiet numru 107, propju fi triq Santa Katerina, Qormi

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huwa pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati għandhom valur totali ta' €6.601.36, Dazju tas-Sisa dovut ta' €40.013.66, kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T) li jammonta għal €3,802.38 u € 9,075.13 rispettivament, fejn liema Dazju u Taxxa ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati

Dan bi ksur tal-Artikli 60(1)(a)(b)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) u (b) tal-Proviso tal-Artikli 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap.37 kif ukoll Artikli 16 (1)(j)(n) u t-tielet Proviso tal-Artiklu 16(1) u 17(1)(a)(d) u Regolament 7 tat-Taqsima C fis-Sitt Skeda, tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap 382, Tal-Liġijiet ta' Malta.

Dawn is-sigaretti in kwestjoni ġew maqbuda bin-nota' **Qbid Numru 186/2020**

**Fuq talba tad-Direttur Ġenerali tal-V.A.T;**

2. Talli fis-07 ta' Ottubru 2020, wara tfittxija li saret minn Uffiċjali tad-Dwana ġewwa Hal-Qormi wara intervent u tfittxija li saret minn uffiċjal tad-Dwana u tal-Pulizija, instabu li bil-kompliċità u koperazzjoni ta' xulxin xjentement kellhom fil-pussess tagħhom u/jew depożitati ta' sigaretti bla

dazju, għandhom u/jew kif ukoll kellhom b'xi mod x'jaqsmu fil-ġarr, twarrib jew ħabi ta' **sigaretti bla dazju** fi kwantità' kif deskritt hawn taħt, u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern ta' Malta minn dazju u taxxa li jkun imiss jitħallas fuqhom, jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti. Fi kwantità ta' kif inhu deskritt hawn taħt u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn Dazju u t-Taxxa li jkun imiss jitħallas fuqhom jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti.

- Sebgħa (7) pakketti b' għoxrin (20) sigarett sfuż f'kull pakkett tal-marka *Business Royals*. Liema sigaretti nstabu ġewwa l-fond *Young's Bar*, 280 Triq il-Vittorja, Qormi.

- Wieħed u għoxrin (21) kaxxa b'ħamsin (50) sigarett sfuż f'kull kaxxa, b'mitejn f'kull kartuna. Instabu wkoll, tmienja w erbgħin (48) kartuna b'mitejn (200) sigarett f'kull kartuna. Il-marka ta' dawn is-sigaretti huma *Business Royals*. Liema sigaretti nstabu ġewwa l-kumpless tal-garaxxijiet numru 107, propju f'garaxx numru 6, fi triq Santa Katerina, Qormi.

- Tlett (3) kartuniet b'mitejn (200) sigarett sfuż f'kull kartuna tal-marka *Business Royals* kif ukoll fil-kwantità ta erbgħa mija u ħamsin (450) borża b'għoxrin sigarett f'kull borża. Il-marka ta' dawn is-sigaretti huma *Traditional*. Liema sigaretti nstabu ġewwa karma fil-kumpless tal-garaxxijiet numru 107, propju fi triq Santa Katerina, Qormi

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni tagħhom u l-pussess hija projbita u/jew ristretta u/jew limitata għandhom valur totali ta' €6.601.36 għandhom dazju tas-Sisa dovut ta' €40,013.66, kif ukoll dazju ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) li jammontaw għal €3,802.38 u €9,075.13 rispettivament, fejn liema dazju u taxxa ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati, u dan bi ksur ta' artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-valur miżjud.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija l-Qorti hi mitluba titratta lil Anthony Bartolo bħala persuna reċidiva meta ġie sentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u dan bi ksur tal-artikli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

<u>Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.</u>

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fid-19 ta' Frar, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

**<u>Il-Provi</u>**

**Emanuel Darmanin**, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxa, esebixxa *Letter to Prosecute*[1] fil-konfront tal-imputat.[2]

**Christopher Galea**, Spettur tad-Dwana esebixxa Seizure Note 187/2020[3] fir-rigward ta' sigaretti bla dazju kif ukoll *Letter to Prosecute*[4] mid-Direttur Ġenerali tad-Dwana.[5]

**Michael Grima**, Spettur tad-Dwana, spjega li kien mexxa team tiegħu fl-investigazzjoni tal-imputat wara li nhar is-7 t'Ottubru 2020 id-Dwana rċeviet informazzjoni li f'garaxx fi Triq Santa Katerina f'Ħal-Qormi kien hemm vettura tgħabbi sigaretti tal-kuntrabandu. Malli wasal fuq il-post u kien xi 20 metru l-bogħod mid-daħla tal-garaxx lemaħ persuna, ċertu Anthony Bartolo, ħierġa mid-daħla tal-garage u baqgħet sejra fid-direzzjoni ta' Young's Bar. Kif ħareġ Bartolo ħareġ vann, Transit Connect bin-numru ta' reġistrazzjoni BGV032 abjad, li fih kienu qed jitgħabbew is-sigaretti. Il-van nieżel *one way* u ġibed lejn Triq il-Vittorja b'veloċità u nieżel l-isfel. L-uffiċjali kienu bil-vettura fuq in-naħa l-oħra tat-triq u peress li ma setgħux isegwuh talbu għall-għajnuna tal-RIU li inteċettawh xi 30 minuta wara fi Triq Ħal Tarxien f'Ħal-Għaxaq.

X'ħin irrikorra fuq il-post sab lil ċertu Paul Pisani li kien qed isuq il-vann u minn hemm bdiet tfittxija fiha fejn instabu disa' (9) Master Cases ta' Business Royals li huma <u>sigaretti tal-kuntrabandu li f' Malta ma jidħlux</u>. Isemmi li *"Ftaħna kaxxa minnhom biex nidentifika eżatt x'fiha l-kaxxa, li kienu iva, irriżulta li kienu fil-fatt sigaretti mhux leġittimi"* filwaqt li ttieħdu ċ-ċwievet tal-vann. Wara niżlu bil-vann, misjuq minn pulizija, lejn il-garaxx li minnu ntlemaħ ħiereġ il-vann, fejn

---

[1] **Dok.ED1** a fol.23-24
[2] Fol.21
[3] **Dok.ED1** [*sic*] a fol.26
[4] **Dok.ED2** a fol.27
[5] Fol.25-26

ġie pparkjat l-istess vann filwaqt li l-uffiċjali marru lejn Young's Bar fejn kienu raw lil Anthony Bartolo sejjer.[6]

Irriżulta li dak li ntlemaħ ħiereġ mill-garaxx, Anthony Bartolo, flimkien ma ħuh Joseph, kienu s-sidien tal-bar. Hemm bdiet tfittxija **fil-ħanut fejn instabu seba' (7) kartuniet Business Royals moħbija fi** ***fridge-freezer***. Fil-kors tat-tfittxijiet li saru instab garaxx ieħor numru bla numru fi Triq Santa Katerina, Qormi li Joseph Bartolo ammetta li kien jappartjeni lilu.[7] F'dan il-garaxx kien hemm purtiera fuq in-naħa ta' ġewwa nett li meta nfetħet warajha nstabu 22 Master Cases Business Royals mingħajr *excise stamp* fuqhom. Kompliet it tfittxija u waqt li kien qed issir *tallying* tal-oġġetti misjuba, il-Fizzjal Brian Grima lemaħ *store* taħt it-taraġ tad-daħla tal-bar li fih dehrlu li kien hemm sigaretti.[8]

L-aħwa Bartolo għall-ewwel ċaħdu li dan l-s*tore* kien tagħhom, iżda meta ġie rimarkat lilhom li l-uffiċjali kellhom ċwievet fuqhom li għaddewlhom huma stess u setgħu jaraw jekk kienx hemm xi ċavetta minnhom li tirriżulta kienet tal-s*tore* in kwistjoni, Anthony Bartolo identifikaha din iċ-ċavetta u il-katnazz infetaħ mill-uffiċjali tad-Dwana. Hemm instabu, lkoll mingħajr *excise stamp,* kartuna li kellha 3 kartuniet Business Royals, borża tal-*plastic* sewda bi 450 pakkett sigaretti f'boroż tal-*plastic* trasparenti, kważi master case oħra peress li master case ikun fiha 500 pakkett, u tlett (3) kartuniet oħra. Pisani irrifjuta li jiffirma għal *Witheld Forms* li nħarġu rigward din il-qabda. Tfittxijiet f'garaxxijiet oħra ta' Pisani f'Ħal-Qormi u Ħal-Safi rriżultaw fin-negattiv.[9]

Riprodott[10] esebixxa *Witheld Forms*[11] li jirrigwardaw is-sigaretti li nstabu fil-pussess tal-imputati filwaqt li kkonferma wkoll il-firma tiegħu fuq dawn id-dokumenti. [12]

L-Uffiċjal tad-Dwana **Matthew Cesario,** ikkorrobora l-verżjoni ta' Michael Grima. Iddeskriva kif meta waslu fuq il-post kellhom jipparkjaw ftit il-bogħod mill-garaxx in kwistjoni minħabba li kien hemm krejn u kien għalhekk li ma setgħux ilaħħqu mal-vann meta nstaq mill-imputat. Hu kien involut biss fit-tfittxijiet li saru fuq garaxxijiet tal-aħwa Bartolo minn fejn ġew elevati sigaretti tal-kuntrabandu. Il-van misjuq mill-imputat kien Ford Transit Connect bin-

[6] Fol.28-29
[7] Fol.29-30
[8] Fol.30-31
[9] Fol.31-32
[10] Fol.71-74
[11] Fol.73
[12] **Dok.MC1, MC2** u **MC3** a fol. 59-61

numru ta' reġistrazzjoni BGV032.[13] Spjega kif l-garaxxijiet tal-aħwa kienu f'daħla f'107 Triq Santa Katerina, Qormi u fih instab *pallet* mimli sigaretti.[14]

Riprodott[15] esebixxa l-*Witheld Form* u faxxikolu dokumenti[16] fosthom il-*Withheld Forms* li jikkonċernaw l-imputati.[17]

L-Uffiċjal tad-Dwana **Brian Grima**, li akkumpanja lil Grima u uffiċjali oħra, xehed kif meta wasal fuq il-post sab il-vann b'sidu, l-imputat, diġà fuq il-post fil-presenza tal-Pulizija.[18] Il-vann kellu 8 master cases b'50 grossa l-wieħed, master case oħra li kellha 48 grossa Business Royals mingħajr boll (*excise stamp*). Minn tfittxija li saret f' Youngs Bar li jinsab fl-istess triq, li s-sidien huma Anthony u Joseph Bartolo, ġew elevati ċwievet ta' garaxxijiet oħra. Il-bar kien jinfed ma żewġ garaxxijiet oħra li meta nfetħu f'wieħed instabu 7 pakketti sigaretti Business Royals, u għoxrin (20) pakkett go *fridge-freezer*. Fil-garaxx li jinsab f'daħla tal-fond 107, Triq Santa Katerina nstabu 21 master cases Business Royals u kaxxa oħra bi 48 kartuniet, ċioe b'żewġ kartuniet neqsin. Fuq in-naħa ta' wara kien hemm *store* li Anthony Bartolo fetaħulhom fejn hemmhekk instabu 450 boroż żgħar, basket kbir b'20 kartuniet Tradition u 3 kartuniet Business Royals. [19]

**PS61 Justin Spiteri** spjega li akkumpanja l-uffiċjali tad-dwana fit-tfittxija ġewwa Youngs Bar. Semma kif Joseph Bartolo ikkonferma mal-uffiċjali li l-garage fid-daħla 107, Triq Santa Katerina kien tiegħu u li fih nstabu sigaretti.[20] Is-suspettati kollha ingħataw id-drittijiet tagħhom inkluż *Letter of Rights* x'ħin ġie deċiż li jitpoġġew taħt arrest.[21] Kompla li bl-istess ċwievet infetħet kamra wara li uffiċjal tad-Dwana tqanqallu suspett.[22]

**Marthese Sammut,** Evaluation Officer fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana, ippreżentat l-Valutazzjoni tas-sigaretti li ġew elevati, mingħand l-imputati[23] kif ukoll dawk li jikkonċernaw lil Paul Pisani.[24]

---

[13] Fol.49-50
[14] Fol.51
[15] Fol.57-58
[16] **Dok.MC1 – Dok.MC9** a fol.59-67
[17] **Dok.MC1** u **Dok.MC2** a fol.59-60
[18] Fol.34
[19] Fol.34-35
[20] Fol.37-38
[21] Fol.38
[22] Fol.40
[23] **Dok.MS1** a fol.44
[24] Esibit fi proċess separat ***Il-Pulizija vs Paul Pisani***

**Anthony Borg,** uffiċjal mad-Dwana ħa ħsieb jaħdem it-taxxi dovuti abbażi tal-valuri mibgħuta mill-Valuation Section tad-Dwana.[25] Id-dokument maħruġ minnu juri li kienu dovuti s-segwenti ammonti bħala taxxa u dazji fuq total ta' 448 kartuna Business Royals li nstabu fil-pussess tal-imputat Pisani. Dawn kienu **Import Duty €1,496.68c, Excise Duty €15, 667.46c** u **VAT €3,557.26c.**[26]

**PS111 Braden Borg** esebixxa faxxikolu ritratti ta' sigaretti li ġew indikati lilu wara ordni minn din il-Qorti diversament preseduta tas-16 t'Ottubru, 2023.[27] Dawn kienu jinstabu fil-Newport Bonded Stores, il-Marsa. Is-sigaretti infetħu wara li tneħħilhom is-siġill.[28]

<u>Stqarrijiet</u>

Fl-istqarrija[29] tiegħu Anthony Bartolo kkonferma li jaħdem fil-ħanut ta' missieru. Qal li ċ-ċwievet li bihom infetaħ il-post fejn instabu s-sigaretti kien sabhom fi *drive-in* u peress li ħaseb li ta' xi sidien ta' garage, għamilhom mal-mazz ta' ċwievet tiegħu!![30] Mill-bqija ma wieġeb għall-ebda domanda oħra kif inhu d-dritt tiegħu.

Joseph Bartolo meta ttieħdietlu l-istqarrija[31] wkoll eżerċita d-dritt ta' silenzju iżda semma kif jaħdem fil-ħanut ta' missieru w meta ġie mwaqqaf mill-pulizija w uffiċjali tad-Dwana kien ġe mill-imsemmi ħanut.[32]

**L-imputat Joseph Bartolo** għażel jieħu l-pedana tax-xiehda w mill-ewwel il-Qorti tirrimarka li kien ikun ħafna aħjar kieku żamm mad-dritt tas-silenzju peress li r-risposti tiegħu, anke dawk fuq domandi tal-abbli difensur tiegħu, iħallu togħma morra ħafna. Mistoqsi dwar l-involviment tiegħu fil-każ, jirrispondi b'mod ta' bniedem mibluħ, qisu għadu jaqa mis-sema' u ma jafx x'ser jaqbad jgħid; dan minkejja li dawn il-proċeduri kien ilhom pendenti għal kważi erba' (4) snin. Tant it-testimonjanza tiegħu hi nieqsa minn dettalji li wieħed li ġie akkużat intortament hu mistenni li jagħti, partikolarment tenut kont li l-imputat irid jitwemmen li baqa jġorr piż ta' ħtija u dawn il-proċeduri meta ma kellu l-ebda involviment, wieħed kien jistenna li jispjega f'dettal dwar dak li suppost għada minnu intortament. Iżda l-mod kif jirrakkonta kif seħħew

[25] Fol.45-46
[26] **Dok.AB1** a fol.47
[27] Fol.81-82
[28] **Dok.BBB** a fol.90 et seq
[29] Fol.10-11
[30] Fol.10 tergo
[31] Fol.13-15
[32] Fol.14 tergo

l-affarijiet hu propju dak li jikkonvinċi l-Qorti dwar kemm ix-xhieda tiegħu ma għandhiex mis-sewwa.

Ma jridx jintesa li fl-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati dawn iddikjaraw li huma jaħdmu fil-bar in kwistjoni. Mkien ma jissemma l-missier. Tant hu hekk li meta Anthony Bartolo ġie mistoqsi dwar iċ-ċavetta tal-garaxx fejn instabu s-sigaretti, liema ċavetta kienet propju mal-mazz ċwievet oħra tiegħu, lanqas issemmi li din setgħet kienet ta' missierhom iżda ta' sidien oħra li kellhom garage fl-istess kumpless ta' garaxxijiet.[33] Jonqos milli jispjega kif minkejja li ħaseb li tappartjeni lil ħaddieħor x'miżuri ħa biex jipprova jsib lil min kienet tappartjeni!!

Iktar importanti minn hekk hu l-fatt li kif tixhed is-*seizure note*, dawn ittieħdu fil-presenza tal-aħwa u mhux ta' missierhom biex jintwera li hadd minnhom ma nvolva lill-missierhom fejn mill-atti anqas jirrizulta li kien fuq il-post. Iżda erba' snin wara l-akkadut, **vilment jippruvaw jispsotaw il-ħtija fuqu bid-difiza li jressqu l-quddiem bl-għajnuna tal-kompliċi Paul Pisani!!**

**Jissemma wkoll li hi l-firma tal-aħwa li tidher fuq il-*Witheld Forms* u mhux ta missierhom![34]**

Għalhekk hu opportun li x-xiehda tal-imputat Joseph Bartolo tiġi riprodotta fl-intjier tagħha sabiex jintwera l-inverosimilarità tal-istess:

| | |
|---|---|
| *"Ix-xhud:* | *Dan kont qed nitkellem ma' Paul Anthony Pisani, il-bqija ma nafx x'ġara iktar.* |
| *Il-Qorti:* | *Hekk biss, kont qed tkellmu? Fejn kont qed tkellmu? Tista' tkun iktar...?* |
| *Difiża:* | *Fejn kontu? Ħa nibdew minn hemm.* |
| *Ix-xhud:* | *Mhux barra fejn il-...* |
| *Difiża:* | *Joseph, ir-risposta nafha jien; il-Qorti ma tafhiex. Mela indirizza lill-Qorti u wieġeb li qed insaqsik jekk jogħġbok. Fejn kontu?* |
| *Ix-xhud:* | *Barra, fejn il-Youngs Bar......* |
| *Difiża:* | *Ħal Qormi. Issa, Paul Anthony Pisani x'kien qed jagħmel hemm?* |
| *Ix-xhud:* | *Just ġie jkellimna biss hu.* |
| *Difiża:* | *Just ġie jkellmek. Issa,...* |
| *Il-Qorti:* | *Meta kien dan?* |
| *Ix-xhud:* | *Insejt id-dati ta.* |
| *Difiża:* | *Issa, Paul Anthony Pisani kif wasal fuq il-post?* |
| *Ix-xhud:* | *Dott, insejt ta minn dak iż-żmien 'il hawn ta għax issa għadda ħafna żmien ta.* |
| *Difiża:* | *Imma wasal bil-mixi, bir-rota, biex wasal?* |
| *Ix-xhud:* | *Kellu vann abjad.* |

[33] Fol.10 *tergo.*

[34] **Dok.MC1** a fol.59 u **Dok.MC2** a fol.60

| | |
|---|---|
| *Difiża:* | *Kellu vann abjad. Tajjeb. Issa, il-vann abjad int għandek xi konnessjoni miegħu?* |
| *Ix-xhud:* | *Le, le.* |
| *Difiża:* | *Għandek x'taqsam miegħu? Ġieli soqtu? Jappartjeni lilek?* |
| *Ix-xhud:* | *Le, xejn.* |
| *Difiża:* | *Xejn. Issa, dak il-ħin ħuk fejn kien, jekk taf?* |
| *Ix-xhud:* | *Ma niftakarx eżatt, Dott, ta.* |
| *Difiża:* | *Imma kien fl-akwata, kien imsiefer, fejn kien?* |
| *Ix-xhud:* | *Ma niftakarx eżatt imma ma jidhirlix li kien imsiefer.* |
| *Difiża:* | *Tajjeb. Issa, intom bħala xogħol x'tagħmlu?* |
| *Ix-xhud:* | *Eh?* |
| *Difiża:* | *Bħala xogħol x'tagħmlu intom? X'inhu x-xogħol tagħkom ta' kuljum?* |
| *Ix-xhud:* | *Qabel kont naħdem bi sħab ma' ħija bil-ħanut –* |
| *Difiża:* | *Dak iż-żmien li qed nitkellmu fuqu?* |
| *Ix-xhud:* | *Ħanut tax-xorb, dak iż-żmien.* |
| *Difiża:* | *Ħanut tax-xorb. U dan il-ħanut tax-xorb fejn jinstab?* |
| *Ix-xhud:* | *Ħal Qormi.* |
| *Difiża:* | *Bl-isem?* |
| *Ix-xhud:* | *Youngs Bar.* |
| *Difiża:* | *All right. Issa, fuq l-akkadut li għandna quddiemna, jiġifieri fuq din il-kwistjoni tas-sigaretti u mhux sigaretti, x'għandek x'tispjegalha lill-Qorti?* |
| *Ix-xhud:* | *Xejn.* |
| *Difiża:* | *Inti għandek xi konnessjoni ma' dawk is-sigaretti?* |
| *Ix-xhud:* | *Le, m'għandix.* |
| *Difiża:* | *B'xi mod kont involut -- ?* |
| *Ix-xhud:* | *Le,* |
| *Difiża:* | *biex dawk is-sigaretti nstabu, x'ġara?* |
| *Ix-xhud:* | *Le, m'għandix x'naqsam magħhom hu."*[35] |

Kif qatt tista' tinsa dettalji ta kif bniedem daħħlek fl-inkwiet intortament; dan ma kienx inkwiet kwalunkwe iżda b'għemilu wassal lil Bartolo fuq l-għatba tal-inkarċerazzjoni. U hawn il-Qorti tirrimarka li fl-istqarrija tiegħu l-istess imputat semma kif Pisani kien parruċċan tal-ħanut tiegħu, *"Jiġi jiehu hobza u xi luminata"*[36] iżda issa, stranament ma jiftakarx meta u f'liema ċirkostanzi ltaqa ma dan il-proxxmu li jridna nemmnu li għal ħames snin sħaħ ħallihom jidħlu f'tant spejjez relatati ma dawn il-proċeduri. B'din il-verżjoni w ċioe li ħadu fuqhom responsabbiltà kriminali għal persuna li bilkemm kienu jafuh – xi ħaġa li l-Qorti ma temmen xejn - xorta għażlu li ma jikxfuhx, jgħidu s-sewwa w b'hekk ikomplu b'ħajjithom ħielsa minn kull ombra ta ħtija!

Hi tassew diżappuntanti kif l-imputati jaħsbu li l-Qorti hi daqshekk moħħha magħluq għal dak li għandu mis-sens komun u l-loġika!

---

[35] Fol.118-120
[36] Fol.14 *tergo*

**Paul Pisani**, li kif jikkonferma hu stess fil-konfront tiegħu hemm proċeduri *sub judice* rigward fatti strettament relatati mal-mertu ta' dawn il-proċeduri, taha x-xiehda tiegħu fejn iddikjara li s-sigaretti in kwistjoni kienu kollha tiegħu:

> *"Xhud: Lill-Qorti nixtieq nghidilha li jiena ma rrid xejn fuq il-kuxjenza u dak kienu kollox tieghi.*
>
> *Avukat: Meta tghidilna: "Dak kienu kollox tieghi" ghal xiex qed tirreferi? Spjega naqra iktar fid-dettal.*
>
> *Xhud: Iva mela le. Qed nirreferi Sur avukat bejn wiehed u ghoxrin u tlieta u ghoxrin kaxxa business Royals kienu tieghi u kelli waħda Tradition, dawk li naf.*
>
> *Avukat: Issa dawn is-sigaretti li int qed tghidilna li kienu business Royals u Tradition fejn kont izzommhom u ghalfejn kont izzommhom hemm b' liema konnessjoni.*
>
> *Xhud: Jiena kont inzommhom hemmhekk Triq Santa Katarina bhala triq in-numru tal-garaxx ma nafux*[37] *…..*
>
> *Avukat: U apparti gol-garaxx kien hemm xi haga ohra x' imkien iehor?*
>
> *Xhud: Kien hemm xi haga ohra go kantina zghira. …. Qieghdha faccata tal-garaxx. ….. Faccata tal-garaxx fuq in-naħa tax-xellug.*[38]

Pisani jgħid biss li kien jaghti ħames mija fix-xahar lil Frans Bartolo, missier l-imputati bħala kirja tal-garaxx u kantina.[39]

Ikkunsidrat,

<u>Provi Saljenti</u>

Imiss li jiġu kunsidrati l-provi riżultanti saljenti f'dan il-każ.

1. **Pisani ma juri l-ebda dokument biex jissostanzja din id-dikjarazzjoni** anzi minkejja li <u>l-ammont ta' €500 mhux xi valur baxx, anzi, jammontaw ghal €6,000 fis-sena</u>, stranament irid jitwemmen li ma kien hemm ebda arranġament bil-miktub bejnu u dan Frans Bartolo! Ghalkemm Pisani jsemmi li dan Frans ma kienx jaf x'użu kien qed jagħmel bil-garaxx,[40]

[37] Fol.124
[38] Fol.125
[39] Fol.125-126
[40] Fol.125

mkien fix-xiehda minn tiegħu ma jispjega kif kienu ulied Frans, u senjatament Anthony Bartolo, kellu ċwievet għal dan il-garaxx li suppost kien qed jinkera minnu għas-somma ta' €500 mensili! **Lanqas ma jaghti spjegazzjoni kif is-sigaretti li nstabu, ammont anke fil-ħanut u store adjaċenti ġewwa *fridge-freezer* fil-ħanut tal-aħwa imputati, kienu wkoll tiegħu!!**

2. Hu ferm sinifikanti u jorbot ma kemm hi **assurda din id-dikjarazzjoni li garaxx li jintuża minnu jkollu ċ-ċwievet miżmuma propju fil-mazz ċwievet ta' terzi!!**

   Dan iwassal lil Qorti temmen bi sħiħ li anke jekk għall-grazzja tal-argument is-sigaretti kien hemm minnhom jew anke kollha kemm huma li jappartjenu lil Pisani, xorta l-aħwa kellhom l-aċċess għalihom u kienu miżmuma fi propjetà tagħhom!

3. Tant hu hekk li Pisani, tul ix-xiehda tiegħu, imkien ma jixhed li ulied Frans kienu inkonsapevoli tal-użu li kien qed issir minn dan il-garaxx w għaliex f'parti ta' ġewwa tal-ħanut tagħhom instabu wkoll sigaretti bla dazju tal-marka *Business Royals*, bħal ma nstabu fil-garaxx u l-kantina li jridna nemmnu kienet qed tintuża minnu.

4. Fil-fatt hija x-xiehda ta' Michael Grima li takkwista rilevanza kbira biex ixxejjen it-teżi difensjonali tal-imputati. Dan xehed kif wara li d-Dwana rċeviet informazzjoni li kienu qed jitgħabbew sigaretti tal-kuntrabandu minn garaxx f'Ħal-Qormi, meta mar fuq il-post ra lil persuna, wara identifikata bħala Anthony Bartolo *"hierga minn din id-daħla ta' garaxxijiet....u baqgħet sejra din miexja lejn il-Young's Bar. Ezattament wara, kif ħarġet din il-persuna minn din id-dahla ta' garaxxijiet nara vann hiereg. Dan il-van li kien identifikat qabel jgħabbi is-sigaretti".*[41] Van li meta mwaqqaf nstabu fih sigaretti tal-istess marka li nstabu fil-propjetajiet tal-imputati.

   Altru li ma kellu ebda dubbju x'kienet tiftaħ iċ-ċavetta li nstabet mal-mazz ċwievet tiegħu!!

5. Grima jkompli jiddeskrivi kif ***interconnected* mal-ħanut ġestit mill-imputati hemm *store* fejn fih nstabu sigaretti tal-marka li kien instabu fil-vann misjuq minn Pisani**.

[41] Fol.28-29

6. Kien mal-istess Grima li l-imputat **Joseph Bartolo ammetta** li kellu garage fid-daħla 107, Triq Santa Katerina.[42]

7. Is-segwenti xiehda tal-uffiċjal Michael Grima tiżvela il-qerq tax-xiehda ta Pisani, fejn jittenta jiżvija l-proċess ġudizzjarju, peress li jirrizulta biċ-ċar li **l-garaxx in kwistjoni kien taħt il-kontroll u fil-pussess assolut tal-imputati**. Filwaqt li jirreferi li kien qed jitkellem ma Joseph Bartolo jixhed:

> *"Identifikajt l-garage.* ***Qalulna iva dak il-garage tieghi*** *u kien hu stess li għażel ic-cavetta mill-bundles tac-cwievet li kellna. Iddentifikajt ic-cavetta u dak il-hin ikkopera....Kien just garage. Pero ovvjament hu kellu c-cavetts. Identifikajt ic-cavetta u* ***ammetta li kien tiegħu dan il-garage****."*[43]

8. F'garaxxijiet li ċwievet għalihom instabu fl-istess hanut, wara purtiera li kien hemm fuq in-naħa ta' ġewwa nett, instabu 22 Master Cases Business Royals mingħajr *excise stamp* (boll) fuqhom.[44]

9. L-aħwa Bartolo għall-ewwel ċaħdu li dan l-s*tore* kien tagħhom, iżda meta ġie rimarkat lilhom li l-uffiċjali kellhom ċwievet fuqhom li għaddewlhom huma stess u setgħu jaraw jekk kienx hemm xi ċavetta minnhom li tirriżulta kienet tal-s*tore* in kwistjoni, Anthony Bartolo identifikaha din iċ-ċavetta u il-katnazz infetaħ mill-uffiċjali tad-Dwana. Hemm instabet borża tal-*plastic* sewda bi 450 pakkett sigaretti f'boroż tal-*plastic* trasparenti.[45]

10. Michael Grima stqarr ukoll kif l-uffiċjal Brian Grima lemaħ garaxx/*store* iehor b'sigaretti interconnected mal-ħanut. Fir-rigward ta' dan l-*store* għall-ewwel l-aħwa ċaħdu li dan kien tagħhom meta ikkonfrontati li l-uffiċjali kienu ser jibdew iqabblu ċ-ċwievet biex jaraw hemmx xi waħda li biha seta jinfetaħ dan l-*store* li fih instabu **(7) kartuniet Business Royals moħbija fi *fridge-freezer***.[46] :

> *"Tlabnihom jikkooperaw u jghidulna jekk hux tagħhom jew le halli ma niehdux fit-tul. Kien dak il-hin li* ***Anthony Bartolo identifika iċ-ċcevetta ta' dan l-sitore u ftahna l-katnazz****. Ftahna l-bieb u nfetah dan l-store".*[47]

---

[42] Fol.30
[43] Fol.30-31
[44] Fol.30-31
[45] Fol.31-32
[46] Fol.30
[47] Fol.31-32

11. Brian Grima xehed li l-ħanut tal-aħwa imputati kien jinfed ma żewġ garaxxijiet oħra li meta nfetħu f'wieħed instabu 7 pakketti sigaretti Business Royals, u għoxrin (20) pakkett go *fridge-freezer*. Fil-garaxx li jinsab f'daħla tal-fond 107, Triq Santa Katerina nstabu 21 master cases Business Royals u kaxxa oħra bi 48 kartuniet, ċioe b'żewġ kartuniet neqsin. Fuq in-naħa ta' wara kien hemm *store* li Anthony Bartolo fetaħulhom fejn hemmhekk instabu 450 boroż żgħar, basket kbir b'20 kartuniet Tradition u 3 kartuniet Business Royals. [48]

    **B'hekk mhux biss instabu sigaretti fil-garaxx fil-kumpless 107 ta Triq Santa Katerina iżda anke fl-store li jinfed mal-ħanut tal-imputati!**

12. PS601 Justin Spiteri wkoll ikkonferma kif Joseph Bartolo ikkonferma li l-garage kien tiegħu u kien hu li indika liema kienet iċ-ċavetta biex jinfetaħ.[49] Dwar l-*store* taħt it-taraġ jikkonferma **wkoll** li dan infetaħ b'ċavetta, li kienet mal-mazz cowebet li kienu nġabru mill-bar minnu stess[50], liema ċavetta ġiet indikata lill-uffiċjali tad-Dwana mill-imputati nfushom. [51]

13. Xhud iehor Matthew Cesareo xehed li fuq il-post ġie kkonstatat li l-postijiet li fihom instabu s-sigaretti kienu *"wieħed ta' xi hadd Joseph Bartolo u l-iehor ta huh Anthony Bartolo, L-istess instab xi pallet kollu sigaretti ta' l-istess ditta u ġo storage zghir ta' Anthony Bartolo instabu boroż bis-sigaretti fihom, l-istess tal-kuntrabandu."*[52]

14. Ix-xiehda ta' Pisani għandha mill-ludikru. Li kieku kien tassew jikri il-garaxx ta' missier l-imputati, meta ġew interrogati l-aħwa Bartolo, ċertament dawn ma kienux ser jgħidu li jafu lil Pisani biss għaliex kien jiffrekwenta l-ħanut tagħhom.[53] Punt ieħor importanti li jkompli jimmina xi teżi li l-imputati kienu injari dwar il-merkanzija li kellhom miżmuma għandhom hu li l-istess Pisani jonqos milli jiddikjara li hu biss kellu ċwievet tal-garaxx fejn kienu jinżammu s-sigaretti li skontu jappartjenu lilu. U kif qatt seta' meta c-ċavetta tal-garaxx kienet maċ-ċwievet miżmuma mal-mazz ta' Anthony Bartolo![54]

---

[48] Fol.34-35
[49] Fol.38
[50] Fol.38
[51] Fol.40
[52] Fol.50
[53] Fol.14 *tergo*
[54] Fol.11 *tergo*

15. *Multo magis* ma jagħmilx sens li Pisani jixhed u jammetti li s-sigaretti kienu tiegħu f'dan il-proċediment iżda minn imkien ma jirrizulta minn dawn l-atti li hu ammetta l-ħtija tiegħu f'xi proċess pendenti fil-konfront tiegħu!

16. Bix-xiehda tiegħu Pisani ipprova jiżgwida l-Qorti fil-ġudizzju minn tagħha għalkemm hu minnu li **fl-ebda ħin ma jasal jeżonera l-aħwa li dawn ma kellhomx għarfien dwar dak miżmum fi propjetà ġestita minnhom.** Setgħu kienu tassew tiegħu dawn is-sigaretti iżda ix-xiehda tal-istess Pisani qatt ma tersaq biex tikkonferma li l-imputati, li kienu s-sidien tal-fond fejn instabu is-sigaretti, il-garaxx li fuqu kellhom kontroll u pussess, ma kellhomx miżmuma fi propjetà tagħhom sigaretti bla dazji!

17. Ix-xiehda tiegħu f'dettalji oħra ma ssibx korroborazzjoni w għalhekk il-Qorti ma tistax itiha xi valur probatorju. Ma jridx jintesa li Paul Pisani hu kompliċi fir-reati addebitati lill-imputati w l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **639(3).** Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.

18. Mhux insinifikanti li fil-garage li Pisani jrid jitwemmen li kien qed jintuża minnu, kien hemm Mercedes reġistrata f'isem l-imputat Joseph Bartolo u mhux f'isem Pisani!

19. La fil-kors tax-xiehda minn tiegħu w wisq anqas malli niżel minn fuq il-pedana, Pisani ma offra xi apoloġija lill-aħwa imputati li daħħalhom f'baħar inkwiet. Persuna li tul ix-xiehda minn tagħha tistqarr li ma kellha l-kuxjenza taħraqha w għalhekk illum bħala persuna li *"Jien nbdilt Sinjura…..llum il-ġurnata nbdilt"*,[55] il-pass mistenni kien li jitlob skuża jew juri xi forma ta' rimors lejn l-imputati iżda ma jsir xejn minn dan!!

    Tassew li ma kienx hemm raġuni li jitlob maħfra lill-imputati għaliex dawn kienu komparteċipi fl-għemil kriminuz ta' Pisani fejn, kif intqal, anke jekk għall-grazzja tal-argument is-sigaretti tassew kienu tiegħu, dawn għenuh fiż-żamma tal-istess fil-postijiet kontrollati minnhom kif ser jintwera.

Il-Qorti, ikkonfrontata b'dawn l-inkonsistenzi ma tistax tagħti farka kredibbilità lix xiehda ta' Joseph Bartolo u wisq anqas lix-xiehda ta' Pisani.

[55] Fol.127

Għall-kuntrarju ix-xiehda mressqa mill-prosekuzzjoni kienet konsistenti w kredibbli, korroborata f'kull dettal bl-evidenza prodotta tipprova l-każ tal-istess prosekuzzjoni sal-grad mistenni.

Ikkunsidrat ukoll,

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Jiġi osservat li d-difiza, b'verbal tat-18 ta' Frar, 2022, ma kkontestax li l-oġġetti in mertu kienu *"sigaretti kontenenti tabakk"*.[56]

Inoltrè, għalkemm id-difiza ma qajjmet l-ebda eċċezzjoni dwar ix-xjenza tal-imputati li s-sigaretti li nstabu fil-postijiet li jappartjenu w li kellhom aċċess għalihom kienu tal-kuntrabandu, tajjeb li ssir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fil-proċediment **Il-Pulizija vs Paul Ciappara**:[57]

> *Illi l-pozizzjoni legali tal-import tal-artikolu 77 tal-Kap.37 in relazzjoni mal-artikoli 60 u 62 tal-istess Ordinanza tad Dwana giet trattata "funditus" f' numru ta' sentenzi tal Qrati Taghna w l-gurisprudenza in subiecta materia giet ri epilogata fis-sentenza t' din l-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et."** [20.3.2003]. Hemm kienet saret riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Victor Calleja"** [24.8.1990] li, a sua volta, kienet ghamlet riferenza ghal sentenza ohra moghtija fl-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Anthony Mifsud u George Grima "** deciza fit-12 ta' Gunju, 1989 " u qalet:-*
>
> *"Fil-każ kontra Anthony Mifsud et. l-akkuzi kienu wkoll taht dawn l-artikoli. Il-Qorti tal-Appell deherilha li kellha taghmel distinzjoni bejn il-pozizzjoni legali taht l-artikolu 77 u dik taht l-artikoli l-ohra u din il-Qorti taqbel ma u taghmel taghha tali argumenti in relazzjoni ghal tali distinzjoni ."*
>
> *"Fid-dawl ta' dak li fuq inghad, din il-Qorti jidhrilha li l pozizzjoni legali tista' tigi enuncjata hekk:-*
>
> *" "Kazijiet taht l-artikolu 62 : "*
>
> *"Il-Ligi ma tuzax il-kelma xjentement fil-paragrafi kollha ta' dan l-Artikolu."*
>
> *"Min jimporta oggetti li l-importazzjoni tagħhom hi projbita, min jizbarka tali oggetti, min iwarrab oggetti mportati qabel jigu ezaminati mill-ufficjal inkarikat mid-Dwana, huwa awtomatikament passibli minghajr il-htiega tal-prova tax xjenza."*
>
> *"Hawn il-prosekuzzjoni trid tipprova l-fatti materjali kif jinkwadraw ruhhom taht dawn il-paragrafi."*

[56] Fol.48
[57] Per Onor. Imħallef Dr. Joseph Galea Debono. Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009. Appell Kriminali Numru. 181/2009

*"M'hemm bzonn lanqas li fil-kazijiet specifici l-imputat kien jaf li l-importazzjoni kienet projbita. Gie deciz li din hija kwistjoni ta' ligi u mhux ta' fatt. Ara f'dan ir-rigward is sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza Pulizija vs. Raymond Debono deciza fit-28 ta' Lulju, 1988."*

*"Ghall-kuntrarju jekk l-imputat jallega li l-importazzjoni kienet legali, a tenur tal-Artikolu 77, irid jaghmel il-prova hu."*

*"Paragrafi ohra pero', jirrikjedu ix-xjenza. Dawn huma s subincizi (e) sa (i) tal-istess artikolu 62."*

*"Taht il-paragrafu (f) per ezempju, il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat agixxa xjentement biex*

*a) laqa' etc. għandu l-oggetti in kwistjoni '*

*b) li tali oggetti għandhom l-importazzjoni projbita jew limitata,*

*c) jew tali oggetti kienu zdazjati ,*

*d) jew li tali oggetti kienu ġew imwarrba minghajr ħlas ta' dazju mill-postijiet imsemmija fl-istess subinciz."*

*Kif qalet il-Qorti fil-kawza kontra Mifsud, jekk il prosekuzzjoni tipprova li l-appellant żamm għandu jew laqa' għandu oggetti li fuqhom ma thallasx dazju b'daqshekk ma tkunx issodisfat il-vot tal-ligi billi tkun trid tipprova wkoll li l-imputat agixxa xjentement, altrimenti l kelma xjentement tkun qeghda fil-ligi ghalxejn."*

*"Il-prova tax-xjenza naturalment twassal sal-grad li l appellant kien jaf jew ma setax ma kienx jaf, li l-oggetti li nstabu għandu kienu ta' natura ta' dawk imsemmija fil paragrafi rilevanti tal-Kap. 37"*

*"Taht l-Artikolu 77 ."*

*Dan japplika, kif juri l-istess Artikolu, meta tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju dovut kienx ġie mhallas, jew li l-oggetti ġew zbarkati skond il-ligi, ecc. "*

*"Fi kliem iehor, fil-fehma tal-Qorti dan l-Artikolu jidhol in effett u jaltera l-piz tal-prova, meta l-imputat jinvoka tali fatti ."*

*"jekk l-imputat isostni li d-dazju thallas, jipprova hu."*

*"Dan japplika f'kull każ, anki fejn il-ligi tirrikjedi x-xjenza. Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova x-xjenza f'dawn il-kazijiet, imma jekk l-appellant jixtieq jallega xi difiza taht l-Artikolu 77, il-prova jrid iforniha hu. U kien proprju dan li ġie deciz fil-każ ta' Mario Scicluna."*

u f'parti ohra tal-istess sentenza appena citata, l-Qorti affermat li :-

*"Fil-kawza Pulizija vs. Mario Scicluna deciza fis-7 ta' Marzu, 1985, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap.37, meta fi procediment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx ġie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti ġew akkwistati, l-prova ta' dan taqa' fuq l imputat."*

*"In sostenn ta' tali principju, l-Qorti ccitat sentenzi ohrajn u kompliet izzid hekk: "kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tiegħu jidher car li l-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm il quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat."*

Umbaghad fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. John Mary Deguara"** [7.9.1990] ġie deciz li :-

*"Hu l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova x-xjenza." u ".....huwa zbaljat li wiehed japplika l-principji tal-Artikolu 77 tal-Kap.37 meta l-appellant ma tax l-eccezzjonijiet rizultanti taht tali artikoli.."*

Fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Azzopardi**" [22.9.1993], fejn id-difiza ssollevat in-nuqqas ta' xjenza u ta' mens rea tal-imputat fil-partecipazzjoni tiegħu fir-reat lilu addebitat ġie ritenut li :-

*"Jigi osservat immedjetament rigward dan il-punt li huwa strettament ta' natura legali, illi f'kazijiet precedenti fejn l istess punt inqala' u ġie deciz, il-pozizzjoni illi hadet din il Qorti kienet fis-sens li dak illi kien ġie deciz mill-Imhallef Harding, President ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1945 in re. "Il-Pulizija vs. Anthony Preca", fejn, ghall-fini tal ispostament tal-oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni ghall-fuq l-imputat, kienet saret distinzjoni importanti bejn il-każ fejn l-imputat ikun l-importatur u l-każ l-iehor fejn l imputat ma jkunx il-komplici tiegħu imma jkun assista fl iskarikar tal-merkanzija. F'dik is-sentenza, li giet imbaghad sussegwentement segwita b'diversi sentenzi ohra fosthom dik in re "**Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia**" deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 1991, kien ġie deciz li ghalkemm huwa veru li skond il-ligi f'akkuza ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju, il-prova li d-dazju kien thallas ghandha ssir mill imputat, cio' nonostante fil-materja ghandha ssir distinzjoni bejn il-każ fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oggett jew il-komplici tiegħu jew l-esekutur immedjat tal-att ta' kuntrabandu u l-każ li l-imputat ikun haddiehor. F'dan l-ahhar każ jinhtieg ghall-kontravvenzjoni r-rekwizit tax-xjenza, igifieri li l-imputat kien jaf jew messu ragjonevolment ikun jaf li d-dazju dwar dak l-oggett ma jkunx ġie imhallas.*"

u

*"....ghaldaqstant meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kellu ragjonevolment jahseb li d-dazju fuq oggetti minnu possedut ma kienx thallas, kellu r-rekwizit ta' dik ix-xjenza u allura huwa hati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata. Diversament huwa ezenti minn kull ħtija min ma kienx jaf u ma setax ragonevolment ikun jaf li d-dazju ma kienx thallas jew min kien mic-cirkostanzi gustifikat jahseb li id dazju thallas ........Wiehed pero ' jrid joqghod attent f'sitwazzjoni simili billi ma jispostax l-ordni tal-logika ta' kif għandhom isiru l-affarijiet u ma jinqabadx f'nasba ta' spostament ta' ragonament pseuodologiku....Skond din il-Qorti l-ordni li għandu jiġi segwit huwa illi għandu jiġi stabilit l-ewwel u qabel kollox, x 'tip ta' attivita' kienet qed issir mill-appellant. Ghal dan il-fini, din il-Qorti jidhrilha li originarjament il-prova inizjali illi l-imputat kien jew l importatur ta' l-oggetti, jew il-komplici ... jew li almenu kellu element ta' konoxxenza ta' dak li kien qieghed isir, tinkombi fuq il-prosekuzzjoni, imbaghad una volta stabilit dan, cioe' li jew kien l-importatur jew kien il-komplici jew li kien fi kwalunkwe każ jaf x'inhu jigri, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit-termini tal-ligi. Pero' inizjalment kif inghad, il-prova trid issir mill-Prosekuzzjoni. "*

Illi dan l-insenjament u din id-distinzjoni ġew segwiti minn din il-Qortu diversament preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Francis Xavier sive Franco Borg**" [23.9.1994] fil-każ ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju bi ksur tal-paragrafi (g) u (h) tal-Artikolu 62.

Dejjem dwar dan l-element tax-xjenza, din il-Qorti esprimiet ruha hekk fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Louis Frendo**" [12.3.1999] :-

"...dan ir-rekwizit ifisser li meta wiehed jikkonsidra c cirkostanzi kollha relattivi u partikolari ghall-kaz, dawn l istess cirkostanzi għandhom ikunu bizzejjed fihom infushom biex juru li f'dak il-każ, il-possessur tal-oggetti in kwistjoni kien jaf, jew messu ragonevolment ikun jaf minn dawk ic-

cirkostanzi, li d-dazju/levy fuq dawk l-oggetti ma kienx imhallas. Din hi t-tifsira ta' dan ir-rekwizit tax-xjenza fl-imsemmija artikoli tal-Kap.37 ."

u meta dawn ic-cirkostanzi juru bic-car li l-appellant kien jaf li id-dazju / levy ma kienx thallas :-

"...hawn jiskatta in operazzjoni l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 li jitfa' l-oneru fuq l-appellant biex jipprova li d-dazju / levy fuq dawk l-oggetti kien thallas. Fil-każ odjern u f'kazijiet simili, kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hu li tipprova (a) dawk l-oggetti dahlu Malta, (b) li "prima facie" jidher li id-dazju/levy fuqhom ma kienx thallas, u (c) li dawk l oggetti kienu fil-pussess u kontroll shih tal-appellant."'

L-import tal-artikolu 77 ġie ukoll trattat fl-appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Said**" [26.11.1992] u fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Grech Sant**" [4.2.1994] fejn ukoll ġie ribadit il-principju li jekk tinqala' kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id-dazju fuqhom jew kienux importati skond il-ligi, l-prova relattiva tmiss lill-imputat. Anki fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et**" [31.7.1998] ġie ritenut :-

"..hawnhekk il-Prosekuzzjoni m'ghandhiex bzonn tipprova li d-dazju ma thallasx jew li ma giex kawtela , izda ghal kuntrarju , ……kien imiss lill- appellant jipprova illi d-dazju kien thallas jew li kellu raguni li kien thallas jew inkella b'xi mod kawtelat. L-oneru tal prova hawn qieghed fuq l-appellant u hu hawn naqas. Kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hawnhekk hu li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm ' l quddiem l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-appellant."

Illi fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Anthony Callus"** [13.7.2005] ġie ritenut li:-

"Issa fil-waqt li hu minnu li biex jirrizultaw l .imputazzjonijiet mhux biss irid jiġi pruvat il-pussess materjali tal-oggett mhux zdazjat, imma jrid ikun hemm ukoll il-provi tax-xjenza li dak l-oggett ma kienx thallas id dazju jew it-taxxa tas-sisa fuqu. Pero' dan l-element tax xjenza, <u>anki jekk jiġi michud mill-persuna suspettata, jista' jiġi pruvat minn provi indizjarji li jkunu jindikaw li tali xjenza kien hemm jew suppost li kien hemm</u> ." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti trid tqis jekk, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, l-Prosekuzzjoni waslitx biex taghmel al menu prova "prima facie" li d-dazju fuq l-oggetti importati f' Malta u li nstabu fil-pussess tal-appellant ma kienx thallas. Umbaghad stabilit dan, tinverti l-oneru tal-prova fuq l appellant jekk kien qed jikkontendi li id-dazju effettivament kien thallas u tara jekk din il-prova da parti tal-appellant saritx al menu sal-grad tal-probabbilta' kif titlob il-ligi penali fir-rigward tal-grad ta' prova li jrid jilhaq – jekk jaghzel li jipprova xi haga - l-imputat.

Illi kif ġie ritenut f' każ analogu w cioe' l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Attard**" [12.6.2008], fejn ukoll si trattava tas-sejbien ta' tlitt satellite receivers fid-dar tal appellant il-Mosta, waqt tfittxija li ghamlu impjegati tad Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili w l-Pulizija, ghab bazi ta' l-apprezzament li kienet ghamlet, din il-Qorti kienet irriteniet li l-prezunzjoni li l-ligi tad-Dwana tpoggi fuq l-appellant biex jipprova li d-dazju kien ġie imhallas ma gietx ribattuta f' dak il-każ u ghalhekk l-appellant kellu jwiegeb ghall-akkuzi.

Konklużjoni

Fuq dan l-insenjament magħdud mal-provi riżultanti, m'hemmx dubbju li l-imputat inqabad *in flagrante delicto* fil-pussess ta' sigaretti li huma kuntrabandu w ċioe li fuqhom ma kienux tħallsu dazju w taxxi.

Il-konsapevolezza tagħhom temana bl-iktar mod ċar mill-fatt kif fil-postijiet li fihom nstabu, dawn kienu moħbija w mistura, f'postijiet mwarrba w msakkra, wara purtieri biex ma jagħtux fl-għajn ġo xejn anqas minn *fridge-freezer*, kif ukoll mitfugħa ġo boroż suwed.

Wara kollox dawn kienu ammont kbir ta' sigaretti li ***ictu oculi* ma kellhomx boll; rekwiżit essenzjali biex jipprova l-legalità tal-istess merkanzija!** Ċertament għalhekk, u tenut li dawn ma kienux tabakk li kien għadu kemm idaħħal Malta għax instabu mqassma f'diversi postijiet fejn ittieħdet l-iżbriga biex jiġu moħbija sew, l-imputati altru kellhom żmien suffiċjenti w adegwat biex setgħu jikkonstataw dan.

M'hemmx dubbju li l-ħabi tal-istess tabakk, nieqes mill-boll, iwassal sabiex ġiet pruvata sal-grad mistenni li l-imputati Bartolo kienu koxxjenti tal-fatt li dan kien tabakk bil-kuntrabandu!

Ikkunsidrat ukoll,

Reċidiva ta' Anthony Bartolo

L-imputat Anthony Bartolo ġie addebitat bir-reċidiva anke ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Madanakollu l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-prova tal-istess. Għaldaqstant l-imputat qed jiġi liberat minn dan l-addebitu.

**Il-Piena**

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-kwantità u l-valur konsegwenzjali tat-taxxi w dazji li ġew evażi, tal-fedina penali tal-imputati minn fejn jirrizulta li l-imputati mhux xi *first-time offenders.* Il-fedina penali tal-imputat Joseph Bartolo ma toħloq l-ebda preokkupazzjoni għal Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat Anthony Bartolo mill-addebitu tar-reċidiva, wara li rat l-artikoli 17, 31 u 42(d) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 62(f)(g)(h)(i)(k) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, il-paragrafi (a) u (b) tal-*Proviso* għall-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 16(1)(j)(n), it-tielet *proviso* għall-artikolu 16(1) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta w l-artikolu 80 tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kollha w tikkundannahom għal **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal zmien tlett (3) snin millum kif ukoll lil kull wieħed minnhom, multa komplessiva ta' **mija, wieħed u tletin elf, erba' mija tmienja u erbghin Ewro u tnax il-ċenteżmu (€131,448.12)**[58] b'terz tal-ammont dovut u ċioe tlieta u erbghin elf, tmien mija w sittax il-Ewro w erba' ċenteżmi (€43,816.04c) għandu jitqies bħala dejn ċivili u jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-imputati jħallsu l-ammont ta' tlieta w disgħin Ewro (€93) kull wieħed rappreżentanti spejjeż peritali.

*Konfiska*

Inoltrè l-Qorti, wara li rat l-artikoli 60(1)(b)(k) tal-Ordinanza Dwar id-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 17(1)(a)(d) u r-regolament numru 7 tat-Taqsima C fis-Sitt Skeda tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-oġġetti mertu ta' dawn il-proċeduri u ċioè dawk indikati fis-Seizure Note bin Numru 186/2020,[59] liema oġġetti diġà ġew rilaxxati favur id-Dwana ta' Malta ai termini tal-Artikolu 672 tal-Kodiċi Kriminali.[60]

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

---

[58] Dazju t' Importazzjoni €3,802.38c (x3=€11,407.14c); Dazju tas-Sisa €40,013.66c (x3=€120,040.92c). B'hekk multa komplessiva dovuta lid-Dwana hi dik ta' €131,448.12c.

[59] **Dok.ED2** a fol.27

[60] Vide digriet tat-13 ta' Marzu, 2024 a fol.87